MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 355/2009

**Korporazzjoni Enemalta**
**vs**

**Dimbros Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Settembruu 2010 fejn il-korporazzjoni attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u tmenin Ewro, tnejn u tletin centezmu (€4885.32) rapprezentanti Danni kkawzati f'taghmir tas-socjeta attrici fis 27 ta' Settembru 2007 gewwa il-Marsa.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-ghassa tal-pulizija taz-Zebbug, w il-Kunsill Lokali tal-Zebbug fl 4 ta' Lulju 2011, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal John Micallef datati 4 ta' Ottubru 2011 (fol 34 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikata b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-22 ta' Lulju 2011 (fol. 35) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar is-26 ta' Awissu 2011 (fol 38).

Illi fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u tmenin Ewro, tnejn u tletin centezmu (€4885.32) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------